MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 787/2007

**Il-Pulizija**

**(Jesmond Borg)**

**Vs**

**Jason Borg**

**(ID: 464173M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JASON BORG** detenur tal-karta tal-identita’ 464173(M) gie mressaq quddiema akkuzat talli:

fil-5 ta’ April, 2007 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ filghodu (6:45hrs), fi Triq Hompesch, Fgura, saq vettura Nru. IAG-782 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Syvan (Salvatore) Borg.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom okkorrenza a fol 2 et seq, affidavit ta’ PS 100 Terence Azzopardi, a fol 6, certifikat mediku a fol 7, u l-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 13 ta’ Mejju 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja a fol 14.

**PS 100 Terrence Azzopardi** xehed fis-26 ta’ Settembru 2008. Jghid illi fil- 5 ta’ April 2007 ghall-habta tas-sebgha ta’ fil-ghodu (07.00hrs) kien gie nfurmat illi gewwa Triq Hompesch, Fgura kien hemm kollizjoni u kien hemm persuna feruta. Hu mar fuq il-post fejn kien sab habta bejn vettura ta’ ghamla Honda, bin-numru ta’ registrazzjoni IAG 782 u mutur ta’ l-ghamla Honda bin-numru TNT 600. Ix-xufier tal-mutur kien diga ttiehed l-

isptar San Luqa li aktar tard kien gie certifikat li kien qed isoffri minn griehi ta’ natura gravi.

Hu ghamel l-isketch fuq il-post u dahhal ukoll l-okkorrenza. Esebixxa l-okkorrenza li hija ffirmata minnu li giet immarkata bhala DOK. TAP 1 u qieghed jesebixxi wkoll l-isketch li ghamel hu bhala Dok TAP 2. Jghid illi kemm l-okkorrenza u kemm l-isketch huma ffirmati minnu.

Jghid illi meta hu kien ghadu fuq il-post tal-incident tkellem ma' Jason Borg li qieghed jgharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Dana kien qallu li hu kien niezel lejn id-direzzjoni ta’ Rahal Gdid u qallu li f’daqqa wahda gie minn warajh mutur u tah daqqa. Aktar tard imbaghad ha l-verzjoni tas-sewwieq tal-mutur li jismu Silvan Borg u qallu li l-vettura IAG 782 kienet qieghda pparkjata *double parking*. Illi mbaghad din l-istess vettura kienet saqet ‘il barra ghal nofs it-triq u b’hekk sehhet il-kollizzjoni.

Jghid illi l-hsarat kemm fuq il-vettura kif ukoll fuq il-mutur kienu estensivi. Jghid ukoll illi break marks ma kien hemm imkien.

In kontro-ezami, x-xhud jghid li l-incident gara fis-sebgha nieqes kwart ta’ fil-ghodu (6.45hrs). Jikkonferma illi dak il-hin, Triq Hompesch Fgura hija traffikuza hafna. Jikkonferma wkoll illi Triq Hompesch Fgura hija *one lane road*. Jghid illi meta mar fuq il-post il-mutur kien sabu fuq il-*lane* l-ohra. Jghid illi x’hin wasal fuq il-post ta’ l-incident ma kienx hemm vetturi pparkjati *double parking*.

**PS 100 Terrance Azzopardi rega'** xehed fl-14 ta' Jannar, 2011. Jghid illi fil-5 ta' April 2007 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (6.45hrs) gie nfurmat illi fi Triq Hompesch gewwa l-Fgura kien hemm incident tat-traffiku fejn kienet weggghet persuna. Jghid li hu mar fuq il-post tal-incident fejn osserva illi fuq il-post kien hemm vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAG 782 tal-ghamla Honda Civic u din kienet involuta f'incident ma' mutur liema mutur kien qieghed mal-art. Dan il-mutur kien tal-ghamla Honda u dan il-mutur kellu numru tar-registrazzjoni DMT 600. Jghid illi fuq il post ta' l-incident kien hemm ukoll Jason Borg li kien ix-xufier tal-vettura Honda li qieghed jaghraf bhala l-imputat prezenti. Jghid illi dan Jason Borg il-verzjoni li tah kienet li huwa kien ghaddej mnejn il-Fgura meta l-mutur baqa' u dahal go fih. Jghid ukoll li dak il-hin ix-xufier tal-mutur ma kienx fuq il-post ta' l-incident ghax kien diga' ttiehed l-isptar. Imbaghad kellem lix-xufier tal-mutur u dan il-verzjoni li tah kienet illi hu kien niezel mid-direzzjoni ta' Rahal Gdid meta f'daqqa wahda vettura li kienet ipparkjata double parking saqet ghall-gharrieda u tajritu.

B'referenza ghal dokument immarkat bhala Dok. TAP 1 ikkonferma li din hija l-okkorenza li dahhal u ghamel referenza ghal Dok. TAP 2 li jghid dan l-isketch ghamlu hu. Jghid illi ghadha kif inqratlu d-depozizzjoni li hu ta fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2008, inkluza wkoll il-kontro-ezami li kien sospiz u jghid li jikkonferma l-kontenut tieghu. Jghid li hu lix-xufier tal-mutur kien kellmu xi jumejn wara l-incident meta hu kien mar ikellmu l-ghassa.

**Silvan Borg** xehed fis-17 ta' April 2013, fejn iddikjara li l-hin ta' l-incident in kwistjoni kien ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghodu, u li jekk mhux sejjer zball id-data kienet nhar il-5 ta' April, 2007. Huwa kien niezel minn naha ta' Haz-Zabbar lejn Rahal Gdid, qabez is-salib li hemm fin-nofs tat-triq fejn il-kazin tal-labour u hu u niezel hemm kien hemm karozza *double parked* jiftakar li kien hemm Skoda u Honda quddiemha izda ma jiftakarx x'kien hemm quddiem il-Honda.

Jghid li hu qala' ftit il-barra ghax mhix l-ewwel darba li xi hadd fetahlu l-bieba tal-karozza, jghid li hu kien niezel lejn Gallerja. Kien wasal ma' genb l-Iskoda, u l-Honda li kienet quddiemha hargitlu u mblukkatlu t-triq. Hu habat bejn il-bieba u l-mudguard tal-Honda n-naha tad-driver.

Jghid li l-mudguard kien dak ta' quddiem bejn il-bieba tax-xufier u l-mudguard ta' quddiem. Jghid li l-karozza baqghet miexja diversi metri bil-mutur qisu wehel mal-karozza. Sadanittant hu tar minn fuq il-mutur u gie kwazi mal-parapett tal-kazin tal-labour li qieghed iktar l-isfel, jigifieri qisu minn fejn -impatt ghal fejn waqaf kien hemm hamsin (50) metru.

Jghid li l-mutur huwa *total loss* u hu kien kiser idu, jghid li ghandu wkoll kawza civili ghaddejja. Jghid ukoll li kien qasam xi ftit idejh u li l-isptar hargulu l-hgieg minn taht il-gilda. Jghid li l-isptar kienu ghamlulu operazzjoni u jghid li ghamel xi gimgha l-isptar, izda mbaghad ghamel sitt gimghat bil-hadid f'idu u tilef certu ammont ta' zmien ta' xoghol ukoll. Bhala wgiegh konsegwenza ta' l-incident jghid li tilef il-moviment ta' idejh u ma jistax idawwar idu. Izda m'ghadux imur terapija ghax il-professur

qallu li m'hemmx x'taghmel u li jdejh ser tibqa' hekk. Jghid li ma rax lil din il-karozza kienet ser taghmel xi manuvra.

In kontro ezami, ix-xhud stqarr li dan l-incident gara fil-main road tal-Fgura. Jghid li l-karozzi jkunu pparkjati man-naha fejn hemm parking in-naha inti u niezel minnha, in-naha li kien ghaddej minnha hu. Is-side l-iehor f'dik il-parti m'hemmx parking. Mistoqsi jekk forsi l-imputat kienx qieghed fit-traffiku jew wieqaf minnhabba traffic lights jghid li le, meta l-karozzi jkunu pparkjati jidhru mod u karozzi mwahhlin fit-traffiku jkunu jidhru mod differenti. Jghid li dak il-hin ma kien hemm hadd miexi fit-triq.

Jghid li huwa gibed lejn il-white line tan-nofs ghax it-triq mhix daqshekk dejqa alavolja *one lane*. Mhix l-ewwel darba li xi hadd fetahlu xi bieba ta' karozza ghalhekk m'ghaddiex imhaxken. It-temp ma kienx maltemp izda ma jiftakarx kienitx nida, jista' jkun imma ma jiftakarx. Jghid li sakemm giet l-ambulanza s-sewwieq kien baqa' hemmhekk, izda mbaghad ma jafx iktar, ghax il-mutur biss kien fadal.

In ri-ezami, x-xhud jghid illi kif kienu l-karozzi kien jghaddi bl-ezatt, jigifieri l-wisgha ta' karozza normali taf taqbad kemm kemm zghira l-line tan-nofs biex tghaddi.

**Dr. Daliso Chetcuti MD** xehed fil-21 ta' April, 2009 fejn jghid illi ghadu kif gie ezentat mill-Qorti mis-sigriet professjonali. Huwa xehed in rapprezentanza tas-supretendent tal-Isptar Mater Dei. Muri d-dokument li jinsab a fol 7 tal-process jghid li dan huwa kopja ta' certifikat mediku.

Huwa fil-fatt iqabbel dan ic-certifikat mal-originali li hemm fil-medical file u kkonferma li dan id-dokument huwa l-kopja originali li hemm fil-medical file.

Jippreciza li din il-kopja fiha biss l-ewwel faccata ta' dan ic-certifikat mediku u ghalhekk esebixxa kopja tac-certifikat kollu ghal fini ta' kjarezza. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. DM 1. Jghid illi l-pazjent kien qieghed jinghata trattament ulterjuri jew *follow up* fuq dan il-pazjent fid-dipartiment tal-Ortopedija tal-Out Patients.

Jghid illi l-apparat li jzomm il-ksur kien tnehha sitt gimghat wara li kien tpogga. Jghid li minn ezami tal-file mediku tal-imsemmi pazjent jidher illi l-Outpatients Department tal-Ortopedija fejn attenda follow up l-imsemmi Silvan Salvatore Borg jidhru li kienu visti ta' rutina u ma jidhirx li kien hemm xi kumplikazzjonijiet.

**Brian Farrugia** xehed fil-21 ta' April, 2009. Jghid li huwa gie mitlub mill-pulizija ghan-nom ta' Transport Malta sabiex jaghti nformazzjoni rigward vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAG-782 tal-marka Honda Civic ta' kulur blu. Jikkonferma li din il-vettura hija registrata f'isem Redent Zammit u ilha hekk registrata mit-12 ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u jzid jghid li din il-vettura giet skrepjata fit-28 ta' Awissu tas-sena 2007. Huwa esebixxa dokumentazzjoni f'dan ir-rigward li giet immarkata bhala Dok. BF 1.

**Stephen Cachia** xehed fl-20 ta’ Jannar 2010 in rapprezentanza ta’ Transport Malta u mistoqsi jekk ghamilx verifiki rigward mutur b’numru ta’ registrazzjoni TNT 600 jghid li kien ghamel u rrizultalu li dan huwa mutur Honda CV 600 ta’ kulur blu registrat fuq Silvan Borg u ilu hekk registrat fuq isem din il-persuna mid-data 14 ta’ Marzu 2000 u ghadu hekk sa’ llum.

**Mr Ray Gatt** xehed fl-10 ta’ Novembru, 2014. Jghid li Silvan Borg kien gie ammess Mater Dei ghax kien allegatament involut f’MVA u bhala korriment jaf li kien kiser il-polz tan-naha tal-lemin. Jghid li ghandu quddiemu l-ahhar *entry* li hija meta tnehhilu l-*fixator* u dan kien fl-24 ta’ Mejju, 2007. Illum il-gurnata ma ezaminax il-pazjent u ghalhekk ma jafx kif inhi l-kundizzjoni tieghu. Jghid izda li b’ferita bhal din hemm cans kbir li l-pazjent jibqa’ b’dizabilita’.

Fil-kaz in ezami l-operazzjoni kienet saret gewwa l-isptar San Luqa. Jghid li m’ghandux *discharge letter* u l-X-rays tieghu m’humiex dokumentati Mater Dei. Jghid li huwa kellu *scafoid* tal-hadid minn fuq barra ghall-id u qed jassumi li spicca b’dizabilita’ ghaliex meta jsir *fixator* f’din it-tip ta’ frattura ma tkunx frattura sabiha.

**L-imputat Jason Borg** xehed fis-27 ta’ Novembru 2014 fejn iddikjara li jiftakar illi dakinhar tal-hamsa (5) ta' April, elfejn u sebgha (2007) huwa kien ghaddej minn Triq Hompesch, il-Fgura direzzjoni lejn Rahal il-Gdid u dan kien ghall-habta tas-sitta u nofs (6:30) ta' filghodu. Fil-fatt il-kaz ilu li sehh seba' (7) snin. Huwa jiftakar pero' li kien hemm hafna traffiku u minn fejn kien ghaddej fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm hanut li tbiegh il-gazzetti u kien hemm karozza pparkjata quddiem dan il-hanut. Huwa qal

li l-karozzi li kienu ghaddejjin minn quddiemu bdew jaghmlu l-*indicator* biex ma jzommux it-traffiku u jissorpassaw din il-karozza li kien hemm wieqfa. Huwa jiftakar li din hija l-karreggjata b'lane niezel u lane iehor tiela' u huwa kif kien imiss lilu ghamel bhal ta' quddiemu, xeghel l-indicator, hares mill-mera minkejja li hadd ma seta' jaqbzu ghax hemmhekk lane wiehed u kif kien qed jaghmel manuvra biex jissorpassa l-vettura li kien hemm ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tieghu hass daqqa mal-bieba fuq in-naha tal-lemin u qal li effettivament kien mutur.

L-imputat meta kien ghamel l-indicator biex jaqbez u kien hares mill-mera l-mutur ma rahx. Mistoqsi minn fejn gie l-mutur li effettivament spicca dahal fil-bieba tieghu fin-naha tal-lemin qal li dan il-mutur gie minn wara. Meta huwa kien qabez il-karozza fuq in-naha tax-xellug tieghu kien qabizha sew pero' l-mutur ma tahx cans biex jaqbizha kollha. L-imputat imbaghad nizel mill-karozza u jaf li s-sewwieq tal-mutur bid-daqqa li qala' spicca fil-faccata. Huwa ra li kien midrub hemmhekk. Fil-fatt kien hemm ambulanza gejja ghalkemm ma kinitx gejja ghalih fil-frattemp gabret lilu u haditu maghha. Ma tantx kien hemm distanza bejn l-imputat u bejn il-karozza ta' quddiemu li ghamlet l-istess manuvra bhalu. Huwa ma lahaqx qabez il-karozza li kien hemm fuq in-naha tax-xellug ghaliex sehhet il-kolluzjoni. L-imputat qabel ma ghamel il-manuvra jaf li ghamel l-indicator u hares mill-mera. Huwa jaf li hemmhekk mhux suppost taqbez karozza ohra hemm ghax mhux three (3) lane.

Rat illi b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef tal-20 ta' Novembru 2014 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'mod permanenti u huwa ghalhekk li din il-kawza sejra tigi deciza minnha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-atti u dan fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2015 u d-difiza titratta l-akkuzi moghtija fil-konfront ta’ l-imputat u kien wara din is-seduta li l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh gewwa triq prinicipali maghrufa bhala Triq Hompesh Fgura u dan nhar il-5 ta’ April 2007. M’huwiex kontestat li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni IAG 782 tal-ghamla Honda Civic sejjer fid-direzzjoni ta’ Rahal Gdid u u fl-istess lane minn warajh kien gej il-kwerelant bil-mutur tal-ghamla Honda CV 600 bin-numru ta’ registrazzjoni TNT 600. Dwar dawn il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni lanqas dwar il-fatt li fuq ix-xellug ta’ l-imputat u tal-kwerelant kien hemm vetturi pparkjati u ohrajn *double parked*. It-tnejn jghidu li kien hemm it-traffiku u dan ma jonqosx f’din it-triq stante li l-incident sehh kmieni fil-ghodu ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ filghodu (6.45 am) meta jkunu ghadejjin hafna nies ghax-xoghol stante li din hija triq arterja.

Illi l-imputat ghalkemm mhux obbligat jixhed, xehed f’dawn il-proceduri u dan fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2015 u spjega li huwa kien qed jittenta jaqbez il-karozza li kienet *double parked* quddiemu kif del resto kienet ghamlet il-vettura ta’ quddiemu u appena ghamel hekk gie mutur minn warajh bi *speed* qawwi u baqa’ diehel fil-bieba tieghu. Jghid li meta huwa ghamel il-manuvra ta’ surpass kien qabez il-linja tan-nofs il-bajda stante li

din hija triq ‘*one lane’* u ghalhekk il-mutur zgur li kien *wrong side* kompletament.

Is-sewwieq tal-mutur xehed f’dawn il-proceduri u kkonferma li kien ser jaqbez il-vettura tal-imputat u li ma kienx saq tieghu ghaliex beza’ li seta’ jiftahlu l-bieba u ghalhekk zgur li effettivament kien *wrong side*. In oltre kkonferma li bid-daqqa li ha fil-bieba tal-imputat huwa tar u spicca xi hamsin metru l-boghod mill-vettura. Jghid li l-mutur tieghu spicca *total loss*. M’hemmx dubju li una volta l-kwerelant spicca xi hamsin metru l-boghod kif stqarr hu stess huwa ndikattiv li kien qed isuq bi *speed*.

Il-Qorti trid tara x’kienet il-kawza prossima ta’ l-incident fejn fiha l-kwerelant spicca b’feriti gravi.

Id-dover tal-Prosekuzzjoni hija li tipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u tipprova adegwatament tistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, billi tipprova l-kondotta negligenti tal-imputat, konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb ‘*imprudenza*’, ‘*negligenza*’ jew ‘*traskuragni*’ jew ta’ hila, ta’ *‘imperizja’* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t’attivita’ diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta’ certu

prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.

Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *'colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha *'colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "*L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto*".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti

mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vehicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibilitajiet ta’ hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe’ ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe’ tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe’ ta’ feriti gravi.

L-**artikolu 225 tal-Kapitolu 9** jiddisponi s-segwenti:

*“Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …”* u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 226 tapplika wkoll ghal min ikkaguna feriti ta’ natura gravi.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, li huma bazikament tlieta u cioe’:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti
2. kkaguna l-feriti gravi
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Richard Grech</u>** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"*Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 jghid:-

"*La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice liberta di valutazione*".

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Leonard Grech</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettall dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. *la volontarieta dell'atto;*
2 *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3 *la possibilita di prevedere.*

Bhala konkluzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija '*culpa',* ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib *culpa levissima* li mhix inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova n-*nexus* bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema *nexus* irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u jekk kien dan l-

istess nuqqas kien il-kagun tal-incident fejn fih korra l-kwerelant jew jekk tali nuqqas kienx wiehed indipendenti mill-kawza tal-incident.

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta’ sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** fejn gie ritenut li:

*“**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala ‘sewqan bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet ‘fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu, minhabba l-probabilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji’.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta’ taghhom. Biex*

*wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz*."(**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain,** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950)."

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi ndizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi m'hemmx dubju li din il-Qorti trid tara wkoll jekk il-kwerelant ikkontribwiex ghal dan l-incident bis-sewqan tieghu jew jekk l-incident sehhx minhabba xi nuqqas tal-imputat jew jekk kienx il-kwerelant stess li kkontribwixxa ghal dan l-incident.

Jinghad li verament l-imputat kien ser jaqbez karozza li kienet *double parked* u ghalhekk huwa hati ta’ non osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku pero’ zgur li qatt ma ppretenda li jkun hemm mutur li mbaghad jaghmel manuvra li jipprova jissorpassa tlett vetturi u cioe’ l-vettura li kienet ipparkjata, dik *double parked* u dik ta’ l-imputat li kien qed jissorpassa l-vettura double parked. Ghalhekk m’hemmx dubju li l-kwerelant zgur li ma kienx kawt bil-manuvra li ghamel u ghalhekk l-incident li sehh sehh tort tieghu.

Huwa minnu li l-imputat kien ukoll traskurat fis-sewqan tieghu pero’ mhux akkuzat b’dan ir-reat per se. L-imputat huwa akkuzat biss li kkawza feriti ta’ natura gravi fuq il-kwerelant minhabba s-sewqan negligenti tieghu u ghalhekk huwa mprotatnti li din il-Qorti tistabilixxi n-nexus jekk hemm bejn is-sewqan tal-imputat u l-incident.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Dicembru, 1957 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Grech** dwar negligenza kontributorja u cioe’:

"*Meta bniedem jqieghed lilu nnifsu f'posizzjoni ta' perikolu u jigi ferut, huwa jkun negligenti. Imma jekk min ferieh kien negligenti wkoll, dan jibqa’ ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negligenza tal-offiz kienet biss kontributorja u mhux ghal kollox kawza unika u determinanti ta' dak li gara.*"

F'sede kriminali n-negligenza kontributorja ghandha effett li tinnewtralizza r-responsabilita' filwaqt li f'sede civili jkollha effett li tipproporzjona d-danni.

L-**Imhallef Harding** fis-sentenza tieghu ***deciza nhari l-wiehed u tletin ta' Lulju, 1939*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Naudi** wkoll tenna l-istess u cioe' li:

> "*Negligenza ta' min jkun ghaddej fit-triq ma tiskuzax in-negligenza ta' iehor li jkun ghaddej mill-istess triq.*"

Illi jidher ukoll li l-kwerelant kien ghaddej bi speed eccessiv ghall-akkwati fejn kien u dan ghaliex kieku mal-habta ma kienx itir kif stqarr hu stess hamsin metru u ghalhekk dan ukoll jikkonferma l-htija kontributorja tieghu.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs R. Bugeja</u>**" deciza fit-30 ta' Gunju 1962 li *"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument*".

Il-Qorti dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta' *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju 1962 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Anthony Portelli</u>** fejn intqal li:

*"Mhux bizzejjed pero' li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm in-nexus ta' kawza prossima w immedjata." [vide* **Il-Pulziija v Manuel Schembri** per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1949].

Illi jidher car li kieku l-kwerelant ma kienx qed isuq b'dak l-ispeed u li ma jmurx *worng side* u jipprova jaqbez karozza li diga kienet qed taghmel hi stess manuvra ta' surpass dan l-incident ma kienx isehh u ghalhekk dan l-incident sehh tort uniku tal-istess kwerelant.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JASON BORG hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tal-imputat u tilliberah minnha.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------